# L-Istatwa tal-Kunċizzjoni

## Teżor Artistiku fil-Qrendi

minn Claudette Casha
B. Ed. (Hons.)

Is-*Sinjura l-Bajda* fis-sittax-il dehra tagħha ġewwa Lourdes stqarret ma' Bernardette "Jiena jien l-Immakulata Kunċizzjoni." Dan il-fatt li seħħ fil-25 ta' Marzu 1858 huwa konferma ta' dak li seħħ fl-1854, meta l-Papa Piju IX ipproklama bħala domma tal-fidi li Marija twieldet mingħajr it-tebgħa tad-dnub tan-nisel. Li kieku dan ma kienx minnu, Alla ma kienx se jagħżel lilHa biex tkun Omm l-Iben Waħdieni tiegħu. Għalhekk Marija kienet *mimlija bil-grazzja*. Dan ifisser li Hi verament magħżula minn Alla biex tkun omm Ibnu. L-umiltà, l-ubbidjenza, il-fidi tagħha f'Alla u l-qalb safja ta' Marija jgħinuna nagħrfu min hi Ommna Marija Immakulata taħt it-titlu ta' Lourdes u għaliex id-devozzjoni kbira li għandna lejHa – devozzjoni li għadha u tibqa' tinħass fi qlubna l-Maltin. Sa minn żmien imbiegħed, il-Maltin urew



imħabbithom lejn Marija permezz ta' għadd ta' xbiehat u statwi Marjani. Fil-fatt ġewwa r-raħal tagħna tal-Qrendi, insibu waħda mill-eqdem statwi tas-sekli!

### L-Ewwel Statwa titulari tal-Kunċissjoni f'Malta u Għawdex

Il-bidu ta' l-ewwel statwa tal-Kunċizzjoni ta' Bormla huwa xi ftit jew wisq imċajpar. Fil-fatt fl-ebda inventarju fil-parroċċa ta' Bormla ma jgħid min għamel din l-istatwa. Sfortunatament id-dokumentazzjoni hi limitata u għalhekk l-informazzjoni li tinstab ma tkunx ċara biżżejjed. Jidher li l-ewwel statwa tal-Kunċizzjoni saret bejn l-1642 u l-1659. Fid-data tat-2 ta' Novembru 1679 insibu li l-benefattur kbir tal-parroċċa ta' Bormla, Dun Diegu Ciantar, ħalla *Inventarju*. Fost statwi u affarijiet li tniżżlu f'dan l-inventarju, insibu l-istatwa tal-Kunċizzjoni ta' l-injam. Jidher li Dun Diegu qiegħed jirreferi għall-ewwel statwa tal-Kunċizzjoni li saret ġewwa Bormla u li fuqha għandna dan it-tagħrif:

> *Fl-inventarju msemmi, insibu li hija kbira u ta' l-injam u li hija skolpita kollha kemm hi u indurata, iżda mogħtija wkoll kulur ċelesti ċar. Kellha pedestall skolpit u infurat u kieent imqiegħda fuq bradella. Kienet tinżamm fil-kappella ta' Santu Rokku. F'rapporti ta' Viżti Pastorali tas-seklu tmintax l-istatwa tissemma' li kienet toħroġ fil-purċissjoni tal-festa tat-8 ta' Diċembru.*[1]

Mill-qedem tagħha jidher li din l-istatwa kienet l-ewwel statwa titulari ta' l-Immakulata Kunċizzjoni f'Malta u Għawdex. L-istess jista' jingħad meta fil-parroċċa tal-Qrendi din serviet ukoll bħala l-ewwel statwa titulari ta' Santa Marija f'dawn il-gżejjer. Dan insibuh dokumentat minn Mons. Vincent Borg fil-ktieb *Marian Devotions in the Islands of Saint Paul* (traduzzjoni bil-Malti mill-oriġinal bl-Ingliż):

*Fil-Qrendi statwa tal-Madonna kienet tinħareġ għall-qima tal-poplu fil-festa ta' Santa Marija. Din id-drawwa nsibuha diġà mniżżla fl-aħħar żewġ diċenji tas-seklu sbatax u inċidentalment hija l-ewwel okkażjoni fejn statwa tal-Madonna hija direttament marbuta mal-festa ta' l-Assunta f'Malta. (..)*[2]

*Huwa interessanti li wieħed jinnota li l-Qrendi kellu statwa ta' l-injam indurata sa mis-sena 1686. Fil-festa ta' l-Assunta kienet tinħareġ għall-qima tal-poplu. Din il-knisja ġiet ikkonsagrata nhar it-13 ta' Ottubru, 1782.*[3]

Hawnhekk Mons. Vincent Borg isemmi d-data tal-konsagrazzjoni tal-knisja tal-Qrendi li saret mill-Isqof Mons. Vincenzo Labini fl-1782, fi żmien il-Kappillan Dun Anton Mizzi. Huwa magħruf f'Bormla u fil-Qrendi li l-istatwa msemmija hija l-istatwa bikrija tal-Kunċizzjoni ta' Bormla li ngħatat lill-parroċċa tal-Qrendi fi żmien il-Kappillan Mizzi. Jingħad li din l-istatwa nġabet qrib is-sena (jekk mhux fl-istess sena) tal-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali, jiġifieri fl-1782.

## Mill-Parroċċa ta' Bormla għal dik tal-Qrendi

Il-parroċċa tal-Qrendi, li ħarġet mill-parroċċa taż-Żurrieq, twaqqfet fl-1618. Il-Qrendin ħasbu biex jibnu knisja parrokkjali fuq pjanta tal-Perit Lorenzo Gafà (1630-1704). Din tlestiet fl-1712, fi żmien il-Kappillan Pietro Zerafa li kien Bormliż. Meta tlesta l-bini bdew jaħsbu wkoll għat-tiżjin. Wieħed mill-kappillani tal-parroċċa tal-Qrendi li ħadem ħafna għal dan kien Dun Anton Mizzi li wkoll kien Bormliż. Dun Anton Mizzi kien benefattur kbir għall-parroċċa tal-Qrendi fejn dam kappillan għal 49 sena u miet mibki mill-parruċċani kollha. Fis-sagristija nsibu ritratt tiegħu bi skrizzjoni bil-Latin.[4] Fiż-żmien twil li għamel kappillan, bejn l-1756 u l-1805, billi kien Bormliż, ġieli ġab xi tizjin minn Bormla għall-parroċċa li kellu taħt it-tmexxija tiegħu. Kien rispettat ħafna mill-Bormliżi tant li meta xtaq li jkollu statwa tal-Madonna għall-festa ta' Santa Marija, għamel talba lill-kleru Bormliż u l-istatwa l-antika tal-Kunċizzjoni ngħatat lill-parroċċa tal-Qrendi. Hekk l-ewwel statwa tal-Kunċizzjoni ġewwa Bormla ħalliet lill-istess parroċċa biex ittieħdet fil-knisja parrokkjali tal-Qrendi fejn għadha sal-lum.

## Statwa ta' Valur Artistiku

Fil-ktieb tiegħu *Sacred Art in Malta*, Chev. Vincenzo Bonello jgħid li din il-vara tal-Madonna hi *minquxa fl-injam, ġiet ikklassifikata bħala eżempju ewlieni ta' Arti Maltija fil-bidu tas-seklu sbatax.*[5] Dwar din l-istatwa, il-mibki Chev. V. Bonello kiteb hekk *The elogated figure of the Virgin sways in a curve following the fashion of the Gothic artists of a much earlier period – Il-figura tawwalija tal-Verġni Marija tmewweġ f'kurva kif kienu mdorrija jagħmlu l-artisti Gotiċi fi żmien ħafna aktar imbiegħed.*[6]

Sunny Aquilina fl-artiklu tiegħu *Statwa Antika tal-Kunċizzjoni*[7] jagħti deskrizzjoni artistika ta' din l-istatwa antika. Dan il-kittieb jgħid li din l-istatwa hija indurata u fuq ir-ras għandha velu li jaqa' mal-ġnub. Il-kulur tal-libsa huwa ta' lewn bajdani li jissimbolizza s-safa, filwaqt li l-mant huwa ikħal. L-istatwa m'hijiex kbira ħafna u l-bixra tagħha tindika li tnaqqxet minn zokk wieħed ta' siġra li ma kinitx ta' kobor. Donnu fl-istess linja ta' l-istatwa jidhru l-kurvaturi taz-zokk! Dan ikompli jidher fil-qies, fl-għamla, fil-linja ta' esekuzzjoni f'kurvaturi, kif ukoll mill-idejn li m'humiex maħruġin ħafna 'l barra. L-idejn ma' xulxin jissimbolizzaw talb, qdusija u dispożizzjoni totali ta' Marija li tilqa' r-rieda ta' Alla. Taħt il-qadd hemm nefħa ovali bilkemm tintlemaħ. Dan jista' jindika l-maternità ta' Marija li tnisslet bla ħtija biex il-ġuf purissimu tagħha jilqa' fi ħdanha lil Ġesù tarbija. Aquilina jkompli jiddeskrivi kif il-maternità li tidher f'din l-istatwa hi aċċennata mil-linji tax-xaqliba tal-mant taħt idejha li jaqgħu f'għamla ta' żewġ trijangoli, wieħed fuq kull naħa. Fil-ponta ta' fuq qishom qegħdin iżommu dan l-oval maternali li qegħdin insemmu. Ix-xaqlibiet f'forma ta' trijangolu ta' dan il-kant jagħtu saħħa l-parti ta' taħt id-dirgħajn li jifformaw trijangolu klassiku ieħor billi l-idejn jingħaqdu f'pożizzjoni ta' talb. Dawn il-linji jwasslu l-ħarsa lejn ir-ras kemmxejn inklinata lejn il-lemin tagħha. L-istatwa turi ħlewwa, grazzja u umiltà.

Huwa magħruf li din l-istatwa għamlet żmien fil-kappella tas-Salvatur u taħtha kellha s-sħab b'żewġ anġli, li ma kinux parti mill-istatwa iżda jiżżarmaw.[8] Ilum din l-istatwa tinsab ġewwa niċċa f'kamra fis-sagristija tal-knisja parrokkjali tal-Qrendi. Però jidher li m'hemm l-ebda informazzjoni fejn jinsab dan is-sħab bl-anġli llum il-ġurnata!

Ġewwa r-raħal tal-Qrendi nsibu żewġ festi li jonoraw lill-Madonna – id-dehriet tal-Madonna ġewwa Lourdes u t-tlugħ tagħha fis-sema, Santa Marija. Matul il-ġranet taż-żewġ festi tagħna l-Qrendin, meta l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes kif ukoll l-istatwa titulari ta' Santa Marija jkunu barra minn niċċa tagħhom, din il-vara artistika tal-Kunċizzjoni titpoġġa fin-niċċa rispettiva biex tkun tista' titgawda mill-pubbliku.

Huwa ta' unur kbir għalina l-Qrendin li ġewwa r-raħal tagħna nsibu statwa ta' valur daqshekk

artistiku li teħodna lura għas-seklu sbatax. *Hi tassew teżor kbir. Hija waħda mill-ftit eżempji li fadal ta' figuri skolpiti fl-injam imnaqqxa minn artisti Maltin fil-bidu tas-seklu sbatax.*[9] L-istatwa bikrija tal-Kunċizzjoni li tajna ħarsa lejn l-istorja tagħha ilha li saret madwar 350 sena. Bil-ġrajja rajna l-qima lejn il-Madonna li sa mill-qedem kienet tħeġġeġ fis-Santwarju ta' l-Immakulata ġewwa Bormla kif ukoll ġewwa qlubna l-Qrendin.

**Riferenzi**


1 Charles Galea Scannura, *Tagħrif Storiku dwar il-Knisja Parrokkjali ta' Bormla*, Malta 1983 p.21.
2 Mons. Vincent Borg *Marian Devotions in the Islands of Saint Paul* (1600-1800), Malta 1983 p.8.
3 Ibid. p.15,
4 Tagħrif mogħti mis-Sur Pinu Axiaq mill-Qrendi.
5 Din il-klassifikazzjoni nafuha lil Chev. Vincenzo Bonello, *Sacred Art in Malta*, 1983 p.105.
6 Ibid.
7 Sunny Aquilina artiklu *Statwa Antika tal-Kunċizzjoni.*
8 Hajr lis-Sur Pinu Axiaq li ta dan it-tagħrif fost informazzjoni oħra.
9 Ara Chev. V. Bonello, p.105.



ĦAĠAR QIM
BAR & RESTAURANT

Prop. J. Cini • **Tel: 7949 7329 • 7943 7329, 2142 4116**

***Agħmlu l-ħarġa tagħkom bil-familja jew ħbieb għall-arja tal-kampanja f'ambjent kwiet u sabiħ, iżjed qrib in-natura.***
***SPEĊJALI FIL-FNIEK – SET MENU – SNACKS – A LA CARTE – BUFFET***
***Friday Night...****live entertainment &* ***Saturday Night...****Country Night Music*

**Nifthu mit-Tnejn sas-Sibt bejn l-10.00a.m. u l-4.00p.m. u mis-7.00p.m. 'il quddiem • Il-Ħadd il-ġurnata kollha**

